MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 521/2010

**Skat Pharma Limited (C 38063)**

**Vs**

**Omajco Cleaners Limited (C 20894)**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fit-TALBA taghha s-socjeta’ attrici qed titlob hlas, minghand is-socjeta’ konvenuta’, ta’ sitt mija, sitta u sittin Ewro u centezmu €666.01c maghmula minn €600.03 (Dok B1) bilanc dwar konsenja ta’ prodotti u (Dok B2) €65.98 spejjes tal-ittra ufficjali nru 718/10. Bl-ispejjes u mghax mid-data tal-fattura.

**Ra** r-RISPOSTA fis-sens li t-talba attrici ghandha tigi michuda ghax l-ammont imsemmi mhux dovut billi l-konsenja in kwistjoni ma saritx skond il-ftehim u l-ordni. Bl-ispejjes.

**PROVI**

**Ra** li s-socjeta’ attrici ressqet il-provi taghha permezz ta’ affidavit tad-direttur Adam Triganza (Dok AT1) u missieru Adrian Triganza, li “nati daqqa t’id” (Dok AT 2 – a fol 21 et seq) u iehor tas-*salesman* Emanuel Galea (Dok EG, a fol 25).

A1 **Adam Triganza** qal li s-socjeta’ attrici hi agent tas-socjeta’ Taljana Omega S.r.l. u minghandha ilhom jimpurtaw *moppets* sa minn Dicembru 2009. Is-*salesman* Emanuel Galea kien avvicina lil Anthony Vella, direttur tas-socjeta’ konvenuta, klijenti, dwar il-*moppets*.

2 Vella talab skont, minhabba r-reklam li ga kien qed jaghmel lill-prodott fit-*teleshopping* u Galea ried struzzjonijiet. Ix-xhud awtorizza skont, Vella accettah u ghamel ordni kbira. Skont ta’ xi 17% meta tqis dak li kienu jhallsu klijenti ohra. Barra dan, kienu qed jirregolawlu *refill* li kien jiswa €7.50c

3 Is-socjeta’ konvenuta ghamlet diversi ordnijiet ghax kienet qed tikseb success fil-bejgh. Kienu anke awtorizzaw lil Galea biex ibiegh lis-socjeta’ konvenuta akkont. Kienu jiffirmaw il-konsenji Ant. Vella jew impjegati tieghu u l-flus qatt ma ngabru mal-konsenja.

4 Minkejja dawn l-agevolazzjonijiet kollha, il-kumpanija konvenuta ghamlet kuntatt ma kumpanija barranija li tissuplixxi lill-kumpanija attrici biex timporta l-prodott direttament hi. Il-kumpanija barranija rrifjutat.

5 Ix-xhud, missieru u s-*salesman* marru jkellmu lil Ant Vella biex jiccaraw il-pozizzjoni u dan laqaghhom billi qalilhom “aqbzuli ‘l barra ghax ha tghalluni”. Qalulu li jekk ma riedx ikompli bin-negozju maghhom, ihallashom talli kellu jtihom u daqshekk.

6 L-affidavit hu puntwalizzat b’riferenza ghad-Dok OC1 – 12 dwar konsenji u Dok OC 13 li hu ittra tas-socjeta’ barranija.

B **Adrian Triganza**, il-missier li jati daqqa t'id qal li kien konxju ta' dak li kien ghaddej u fl-affidavit tieghu itenni, bejn wiehed u iehor dak li hemm fl-affidavit ta' ibnu. Inkluz dak li gara meta marru jkellmu lil Ant. Vella

C **Emanuel Galea**, *salesman*, b'mod aktar koncis qal dak li qalu Adam Triganza u missieru.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL iqis kif gej:-

1. Hawnhekk ghandna talba semplici ghall-hlas ta'bilanc li s-socjeta' attrici tghid li fadlilha thallasha s-socjeta' konvenuta. Din, minn naha taghha wiegbet li m'ghandha thallas xejn, u **waqfet hemm**. Dana billi ghax-xhieda tas-socjeta' attrici maghmula minn tliet affidavits, is-socjeta' konvenuta la sejjhet lil dawn biex jigu kontro-ezaminati u anqas ressqet provi hi.

2. Naturalment, dan ma jitqiesx bhala ammissjoni, iktar u iktar meta anqas meta konvenut jibqa kontumaci ma ghandu jitqies li hu ammetta t-talba attrici. Xorta l-attur irid jipprova l-pretensjoni tieghu.

3. It-TRIBUNAL iqis li s-socjeta' attrici ppruvat b'mod konvincenti, permezz tax-xhieda bi tliet affidavits, it-talba taghha. Gie spjegat kif bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm negozju ghaddej, bis-socjeta' konvenuta tkun agevolata sew dwar margini ta' profitt kif ukoll hlasijiet mhux mal-konsenja izda akkont. Dana sakemm is-socjeta' barranija li tforni bil-prodott gharrfet lis-socjeta' attrici li l-klijent ta' din (is-socjeta' konvenuta) minn wara daharha ghamel kuntatt mas-socjeta' barranija. Skop? Ovvjament dak li s-socjeta' attrici tinqabez u s-socjeta konvenuta tibda timporta direttament hi minghand is-socjeta' barranija. Meta s-socjeta' attrici avvicinat lis-socjeta' konvenuti bi zjara lil Ant Vella dan laqaghhom bil-kliem "aqbzuli 'l barra ghax ha tghalluni".

**DECIZJONI**

It-TRIBUNAL, wara li qies dak kollu kunsidrat hawn fuq u wara li sama s-sottomissjonijiet tal-partijiet **jiddeciedi** billi (1) jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u (2) jilqa t-talba attrici u (3) jghaddi biex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici il-quantum ta' sitt mija, sitta u sittin Ewro u centezmu €666.01c bl-imghax kif mitlub sal-jum tal-pagament effettiv u (4) jikkundanna lis-socjeta' konvenuta jhallas l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------